# Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

## 2019

**Il-Malti: Il-Fehim mis-Smigħ**

**Il-Marki: 20 marka**

**Il-Ħin: 30 minuta**

## L-Ewwel Silta **Insajru Flimkien** **(10 marki)**

**Taħriġ A** (5 marki)

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta. L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.**

1. Martina u Jacob qagħdu jsajru fil-vaganzi

a) tas-sajf.

**<u>b) tal-Għid.</u>**

ċ) tal-Milied.

2. L-ingredjenti tal-kwareżimal

a) diffiċli ssib tixtrihom.

b) issibhom fir-Randan biss.

ċ) huma bażiċi.

3. Fil-kwareżimal ma nsibux

a) lewż u għasel.

b) bajd u xaħam.

ċ) zokkor u dqiq.

4. Biex tgħaqqad l-għaġina, Martina żiedet

a) l-ilma skont il-bżonn.

b) il-meraq tal-lumija, larinġa u mandolina.

ċ) l-ilma żahar.

5. Il-kwareżimal jista' jinħaraq jekk issajru għal

a) 20 minuta f'200 grad.

b) 10 minuti f'180 grad.

ċ) 5 minuti f'160 grad.

6. Meta Martina ħalltet l-ingredjenti biex tagħmel l-għaġina, ħalliet barra

a) l-lewż, id-dqiq u z-zokkor.

b) l-għasel u l-pistaċċi mqattgħin.

ċ) l-kannella, l-ilma żahar u l-qoxra ta' lumija.

**Taħriġ B** (5 marki)

**Imla t-tabella bl-ingredjenti u l-kwantitajiet tagħhom li uża Jacob biex isajjar l-ixkumvat.**

**L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.**

| | KWANTITÀ | INGREDJENT |
|---|---|---|
| 1. | **200g** | dqiq |
| 2. | 50g | |
| 3. | | zokkor |
| 4. | 4 qatriet | |
| 5. | | bajdiet |
| 6. | | vermiċelli |

**Taħriġ A** (5 marki)

**Immarka t-tweġiba billi tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa t-tajba, skont dak li smajt fis-silta.**

**L-ewwel waħda hija eżempju.**

1. Mikiel huwa dulċier li jispeċjalizza fil-ħelu Malti.

   VERU ☑ FALZ ☐ MA SSEMMIETX ☐

2. Missier Mikiel kien l-ewwel dulċier tal-familja.

   VERU ☐ FALZ ☐ MA SSEMMIETX ☐

3. Mikiel ma tantx mar skola, biex joqgħod jitgħallem mingħand missieru.

   VERU ☐ FALZ ☐ MA SSEMMIETX ☐

4. Id-dolċerija tal-familja ta' Mikiel tinsab eżatt kif tidħol minn Bieb il-Belt.

   VERU ☐ FALZ ☐ MA SSEMMIETX ☐

5. Missier Mikiel kien dejjem ifittex li jagħżel ingredjenti tal-aqwa kwalità fit-tisjir tiegħu.

   VERU ☐ FALZ ☐ MA SSEMMIETX ☐

6. Skont Mikiel, il-progress qed imexxi 'l quddiem il-ħelu tradizzjonali.

   VERU ☐ FALZ ☐ MA SSEMMIETX ☐

**Taħriġ B** (5 marki)

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta.**

**L-ewwel waħda hija eżempju.**

1. Għal Danjel, Mikiel huwa
   a) kollega.
   b) qarib.
   <u>ċ) ħabib.</u>

2. Meta Mikiel jipprepara l-ħelu
   a) juża makkinarju tal-lum.
   b) jagħmel kollox b'idu.
   ċ) jħobb inaqqar.

3. Danjel intervista lil Mikiel
   a) fi żmien il-Milied.
   b) ġimgħa qabel l-Għid.
   ċ) ftit qabel is-sajf.

4. Kemm jista' jkun, ir-riċetti tal-familja, Mikiel
   a) jaqsamhom ma' kulħadd.
   b) iżommhom misturin.
   ċ) ixandarhom fuq ir-radju.

5. L-espressjoni 'taqagħlek żaqqek' tfisser
   a) tibża' li teħxien malajr.
   b) ma tafx tgħid le għal xi ikel favorit.
   ċ) ikollok uġigħ f'żaqqek.

6. Fl-aħħar tal-intervista, Mikiel lil Danjel tah
   a) biċċa pudina u borża biskuttini tar-raħal.
   b) biċċa qubbajt u borża biskuttelli.
   ċ) tilar qubbajt u biċċa ċikkulata mill-ifjen.

**Tmiem il-karta**